**3 ta' Marzu, 1964.**

**Imħallef:**

**Onor. Dr. E. Magri, LL.D.**

Wisq Reverendu Arċipriet Kanoniku
Don GioCarlo Burlò, D.D. nomine

*versus*

Avukat Dr. Joseph V. Galea et noe

**Nullità ta' Sentenza — Mewt ta' waħda mill-partijiet.**

*L-avvenniment tal-mewt ta' waħda mill-partijiet meta l-kawża għad mhix konkluża, jopera neċessarjament l-interruzzjoni tal-ġudizzju u bil-konsegwenza tan-nulita' tal-atti li jsiru fil-perijodu interruttiv.*

*Iżda il-verita' ta' dan il-prinċipju ma tibqax assoluta meta i-kawża tkun waslet fl-istat li tkun tista tiġi ġudikata.*

*Kieku il-kawża ma tkunx waslet fi stat li tiġi deċiża l-eċċezzjoni tan-nullita' tas-sentenza minħabba il-mewt ta' waħda mill-partijiet tikkompeti biss fiż-żmien utili lill-werrieta u s-suċċessuri tal-konċedent mejjet.*

Il-Qorti,

Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur nomine wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet meħtieġa u jingħataw l-provvedimenti opportuni, peress li b'sentenza fl-ismijiet "Wisq Reverendu Arċipriet Kanoniku Don Gio Carlo Burlò nomine vs. Avukat Dottor Giuseppe Mifsud Bonnici,, nomine et" mogħtija min dina l-Qorti fis-7 ta' Awissu, 1963, l-imsemmija Angelica Canè ġiet kundannata tħallas l-ispejjeż kollha ta'

dik il-kawża, iżda hija kienet mietet ġranet qabel il-prolazzjoni tas-sentenza; u peress li b'rikors preżentat fir-reġistru ta' din il-Qorti fl-4 ta' Novembru, 1963, l-attur nomine talab li jiġi awtorizzat iġib in subasta l-fondi 20 u 21, Siren Street, Senglea, in esekuzzjoni tal-imsemmija sentenza u b'rikors ieħor kontestwali l-istess attur nomine talab li jiġu nominati kuraturi sabiex jirrapreżentaw il-wirt battal ta' l-imsemmija Angelica Canè u peress li dina l-Qorti b'digriet tal-20 ta' Novembru, 1963, laqgħet it-talba għas-subastazzjoni ta' l-imsemmija fondi,, u innominat l-Arkitett u Inġinier Ċivili Joseph Xuereb sabiex jagħmel il-valutazzjoni ta' l-imsemmija fondi, u peress li l-Avukat Dottor Anthony Galea, LL.D. li kien aċċetta l-bandi bħala kuratur tal-imsemmija eredità ġjaċenti ta' Angelica Canè, b'risposta tiegħu tat-22 ta' Novembru, 1963, oppona ruħu għat-talba tas-subasta ta' l-imsemmija fond, sija għaliex l-awtorizzazzjoni għall-esekuzzjoni tas-sentenza għandha issir b'ċitazzjoni u sija għaliex dik is-sentenza hija nulla billi l-imsemmija Angelica Canè mietet qabel l-għoti tas-sentenza, mingħajr ma ntalbet in-nomina tal-kuraturi f'dak iż-żmien, u peress li din il-Qorti b'digriet ieħor tagħha tat-22 ta' Novembru, revokat "contrario imperio" l-imsemmi degriet tal-20 ta' Novembru, 1963 ċaħdet it-talba għas-subastazzjoni tal-fondi, u ordnat li jsir skond il-liġi — talab illi l-attur fil-premessa kwalità jiġi awtorizzat li jesegwixxi l-imsemmija sentenza fl-ismijiet Wisq Reverendu Arċipriet Canonicu Don Gio Carlo Burlò, DD. nomine vs Av. Dr. Giuseppe Mifsud Bonnici nomine" mogħtija minn din il-Qorti fis-7 ta' Awissu, 1963, bl-ispejjeż kontra l-konvenut kuratur nomine.

Rat . . . omissis . . .

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut nomine li biha jgħid illi is-sentenza li dwarha qegħda tintalab l-aw-

torizzazzjoni għall-esekuzzjoni hija nulla billi l-konvenuta f'dik il-kawża, l-imsiefra Angelica Canè, mietet fil-mori tal-kawża u ma ġewx limitati l-atti u għalhekk it-talba għandha tiġi respinta bl-ispejjeż.

Rat . . . omissis . . .

Ikkunsidrat:

Li dina l-kawża saret meħtieġa bħala konsegwenza tad-digriet ta' dina l-Qorti, diversament presjeduta, tat-22 ta' Novembru, 1963 fejn ċaħdet it-talba għall-bejgħ fis-subasta tal-fondi fuq imsemmija u ordnat li jsir skond il-liġi.

Ikkunsidrat:

Li m'hemmx kwistjoni li l-attur nomine kien ġie kanonizzat kreditur ta' Angelica Canè, bis-sentenza tas-7 ta' Awissu, 1963 fil-kawża fl-ismijiet "Wisq Rev. Arċipriet Can. Don Gio Carlo Burlò noe vs. Avukat Dr. Giuseppe Mifsud Bonnici noe' et" u anqas ma huwa kontestat li l-konvenuta kienet mietet fil-25 ta' Lulju, 1963 (Dok a fol. 11) jiġifieri xi ġimgħatejn qabel il-proklazzjoni tas-sentenza. Irriżulta, ukoll, li meta mietet il-konvenuta l-kawża kienet differita għas-sentenza skond il-verbal tal-15 ta' Lulju, 1963 (fol. 78 tal-imsemmi proċess).

Ikkunsidrat:

Li l-opposizzjoni tal-konvenut għall-prosegwiment tas-subasta kienet bażata fuq żewġ motivi (a) għaliex is-sentenza hija nulla billi Angelica Canè, id-debitriċi mietet qabel il-prolazzjoni tas-sentenza mingħajr ma intalbet in-nomina ta' kuratur f'dak iż-żmien (b) għaliex l-awtorizzazzjoni

għall-esekuzjoni tas-sentenza għandha ssir b'ċitazzjoni.

Ikkunsidrat:

Li dina l-Qorti mhiex tal-fehma li l-ewwel eċċezzjoni għandha tiġi milqugħa.

Huwa, infatti, veru li l-avveniment tal-mewt ta' waħda mill-partijiet meta l-kawża għad mhiex konkluża, jopera neċessarjament l-interuzzjoni tal-ġudizzju "perchè questo non è possibile senza le parti siano poste in grado di difendersi, ossia di assistervi e di prestarvi il loro contraditto rio, e perciò non puo riassumersi il gudizio prima che, alla cessazione dell'esistenza dell'originario contradittore, non si provveda de mediante l'osservanza delle norme fornite dal Codice del Rito, sotto il titolo "Trasfusione del giudizio" (Kollez. XXXLII, 1, 732) u li hija ukoll korollarju tal-inosservanza tal-preċediment in-nullità tal-atti li saru fil-perijodu interruttiv (Mattirolo Dto. Giud. Civ. Vol. III, No. Marginali 957).

Ikkunsidrat:

Li, però il-verità tal-imsemmija prinċipji, ma tibqax assoluta, meta simili interruzjoni tavvera ruħha fiż-żmien li l-kawża tkun waslet fl-istat li tista' tiġi ġudikata. Josserva infatti Mortara (Proċ. Ċiv. Vol. III, n. 683, p. 849) "Quando la trattazione fra le parti e ultimata e dal cerzioramento finale del rapporto non manca più se non l'opera del gudice nell'arbita della funzione sovrana gurisdizionale, l'avvenimento non porta più veruna influenza sulla regolarità della costituzione del processo, o, per di meglio, non interrompe lo svolgimento, ne può essere causa di possibile danno per la parte cui esso si riferisce"; u dana l-mument "è

precisamente quello nel quale finita la discussione si deffe-resce per deliberare e redigere su di essi la sentenza" (Mortara op. Cit.). Il-Ġurisprudenza tat-Tribunali tagħna ab-braċjat dina t-teorija (Kollez. XXVI, 1, 176; XXXVI, 1, 195) u marret aktar l'hemm billi iddikjarat li eċċezzjoni simili mhiex assoluta, imma relativa, u tmiss biss lill-persuna li għandha l-istess interess li kellha l-persuna mejta "perchè questa eccezione non era di ordine pubblico, ma accordata unicamente agli eredi e successori del contendente morto" (app. "Bonnici utrinque 8 ta' Novembru, 1909, App. "Pace vc Camilleri" 4 ta' Ġunju, 1923).

Ikkunsidrat:

Li, anki kieku, per ipotesi, il kawża ma kienitx waslet fi stat li tiġi deċiża, l-eċċezzjoni tal-konvenut lanqas ma setgħet tiġi milqugħa, għaliex dina tikkompeti biss, fiż-żmien utili, lill-werrieta u s-suċċessuri tal-kontendent mejjet, u żgur mhux lill-konvenuti nomine wara s-sentenza għaliex eċċeżżjoni simili għandha loġikament tmiss biss lill dawk li fihom ikun għadda l-interess li jista jiġi preġudikat u dawna ma setgħax ikollhom motiv li jqanqluha billi il-mertu kien ġie ċedut, u dik il-Qorti iddeċidiet biss il-kap tal-ispejjeż.

Ikkunsidrat:

Li, fuq it-tieni kwistjoni dina l-Qorti tosserva li l-konvenut ma ta' ebda eċċezzjoni "ad hoc" pero' tħoss li għand-ha teżaminha billi l-motiv li imħabba fih il-proċeduri tas-subasta ġew imwaqfa, kien appuntu dak ukoll, li l-esekutant, naqas li jottempera ruħu mad-disposizzjoni tal-art 257 (1) tal-Proċedura Ċivili, billi d-debitriċi mietet qabel l-ese-kuzjoni tas-sentenza. Dana l-artikolu jgħid "Iċ-ċitazzjoni

imsemmija fl-artikolu ta' qabel dan hija dejjem meħtieġa, meta l-esekuzjoni tintalab kontra l-werrieta tad-debitur, ukoll jekk ma jkunx għadda iż-żmien imsemmi fl-artikolu ta' qabel dan".

Ikkunsidrat:

Li l-kreditu tal-attur nomine kien għadu inċert sależitu tas-sentenza, u kienet din li stabilit it-titolu tal-kreditu tiegħu proprju wara l-avverament tal-mewt tal-istess debitur jiġifieri, Id-dejn ġie kanonizzat meta l-eredita' tad-debitriċi kienet miftuħa bil-mewt tagħha.

Ikkunsidrat:

Li la darba t-titolu tal-attur twieled wara l-mewt tad-deċujus anqas dina l-opposizzjoni tal-konvenut nomine għall-bejgħ fis-subasta ma tista tiġi milqugħa, għaliex il-liġi tesiġi l-proċedura imposta mill-artikolu fuq ċitat meta l-kreditu jkun ġja stabilit fil-konfront tad-debitur ħaj, u mhux diversament. Infatti dana l-prinċipju ġie applikat, mit-tribunali tagħna ġja mis-sena 1881, fejn fil-kawża "Chapelle vs. Ciantar" (Vol. IX, 466) ġie hekk ritenut "la disposizione che quando si voglia eseguire la sentenza contro l-erede, e' sempre neċessaria l-awtorizzazione, suppone quella pronunciata contro il-debitore stesso; e non e' applicabile quando il giudizio fosse stato contestato coll'erede come tale, e la sentenza data in sua contestazione." Aktar reċentement l-istess konċett ġie ribadit mill-Qorti tal-Appell fil-kawża "Giuseppa Cappello et vs. Rosaria sive Rosa Farrugia" deċiża fit-2 ta' Diċembru, 1963.

Ikkunsidrat:

Li, l-attur nomine kien kostrett jagħmel dina l-kawża

in vista tad-degriet fuq riferit, u tal-opposizzjoni tal-konvenut nomine għall-proċedura tas-subasta, bażata fuq - imsemmija żewġ obligazzjonijiet; dana l-atteġġjament għandhu jinfluwixxi fuq il-kap tal-ispejjeż.

Għal dawna l-motivi.

Tiddeċiedi billi tiċħad l-eċċezzjoni tan-nullita' tas-sentenza bl-ispejjeż kontra l-konvenut nomine u tiddikjara li l-proċedura permezz ta' ċitazzjoni ma kienitx għal issa meħtieġa, u konsegwentement tirrespinġi t-talba tal-attur bl-ispejjeż kontra l-konvenut nomine.